# Beati u Qaddisin....Lulju

## BEATU ANTONIO GABA POZO

21 ta' Lulju



Antonio Caba Pozo twieled fl-1 ta' Dicembru 1914 gewwa Andalusia. Studja fis-seminarju ta' Granada u kompla l-istudji tieghu bil-hsieb li jkun sacerdot. Il-kitbiet tieghu lil ohtu, lill-genituri tieghu u lil shabu tal-pajjiz kien kollha jixhdu li kien mibni spiritwalment tajjeb hafna.

Xtaq hafna li jidhol mal-gizwiti u kien diga' wasal fl-istazzjon tal-ferrovija biex imur il-Belgju halli jibda' n-novizzjat tieghu, meta rega' lura fuq insistenza ta' missieru.

Il-genituri riedu li binhom jispicca l-istudji tieghu, jigi ordnat sacerdot, jiccelebra l-Ewwel Quddiesa tieghu fost qrabtu, imbaghad imur jisvolgi l-ministeru

tieghu fejn jixtieq hu. Tilef il-biljett u mar lura d-dar fejn ghadda l-lejl minghajr irqad jitlob u jikbi.

Fis-sajf tas-sena 1936, ghadda l-vaganzi gewwa Lanjaron u ghal xi jiem tnejn minn shabu li aktar 'l quddiem kellhom ikunu sacerdoti djocesani gewwa Granada, ghaddew xi jiem mieghu: Juan Camacho u Ignacio Sánchez Ontiveros.

Kien zmien li fih kien bdiet tixtered il-gwerra civili spanjola fejn l-insara bdew jigu ppersegwitati. Fid-19 ta' Lulju gie arrestat u mehud il-habs flimkien ma' persuni ohra fosthom il-kappillan Antonio Barea. Hemm heddewh b'kull tip ta' minaccja. "Jekk intom toqtluna, intom tkun il-mezz li ghalina jinfethu l-bibien tal-genna, filwaqt li ghalikom jinghalqu."

Fis-sighat bikrin ta' filghodu tal-21 ta' Settembru, instemghu xi sparaturi, li kienu jindikaw li l-forzi militari kienu resqin lejn Granada. Hargu l-prugunieri bil-ghaggla u haduhom lejn Orgiva. Antonio waqt il-vjagg kien jitlob ir-Ruzarju. Waqt li l-grupp ta' prugunieri kienu ghadhom fil-vicinat tal-post, il-parti l-kbira tal-prugunieri harbu, waqt il-konfuzzjoni. Imma tabib u Antonio daru lejn is-suldati u Antonio qalilhom li huwa lest li jhalli hajtu ghal Kristu. Sparawlu.

Il-feriti li garrab kienu gravi, madanakollu haduh lejn l-isptar ta' Lanjaron imma t-tobba ma lahqux salvawh. Miet wara li tawh il-Grizma tal-Morda.

Il-beatifikazzjoni tieghu sehhet fil-Katidral ta' Granada fis-26 ta' Frar 2022 ma' grupp iehor 14 il-sacerdoti waqt il-pontifikat ta' Papa Frangisk.